V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Appell ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2014 mill-Associazione sportiva Taranto calcio Srl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fid-19 ta' Novembru 2013 fil-Kawża T-476/13, Associazione sportiva Taranto calcio Srl vs Ir-Repubblika Taljana

**(Kawża C-11/14 P)**

(2014/C 245/02)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Associazione sportiva Taranto calcio Srl (rappreżentant: N. Russo, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Ir-Repubblika Taljana

Permezz ta' digriet tat-30 ta' April 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet ir-rikors tal-appell.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Milano (l-Italja) fis-27 ta' Frar 2014 – Unione nazionale industria conciaria (UNIC), Unione Nazionale dei Consumatori di Prodotti in Pelle, Materie Concianti, Accessori e Componenti (Unicopel) vs FS Retail, Luna srl, Gatsby srl

**(Kawża C-95/14)**

(2014/C 245/03)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Milano

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Unione nazionale industria conciaria (UNIC), Unione Nazionale dei Consumatori di Prodotti in Pelle, Materie Concianti, Accessori e Componenti (Unicopel)

*Konvenuti:* FS Retail, Luna srl, Gatsby srl

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 34 TFUE, 35 TFUE u 36 TFUE, korrettament interpretati, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Liġi Nazzjonali Nru 8/2013 – li timponi ttikkettjar li jindika l-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti miksuba permezz ta' xogħol li sar f'pajjiżi terzi u li għandhom it-terminu bit-Taljan "pelle" – għall-prodotti tal-ġilda legalment ipproċessati u kkumerċjalizzati fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, peress li din il-liġi nazzjonali tissarraf f'miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva prekluża mill-Artikolu 34 TFUE u mhux iġġustifikata mill-Artikolu 36 TFUE?

2) L-Artikoli 34 TFUE, 35 TFUE u 36 TFUE, korrettament interpretati, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2), tal-Liġi Nazzjonali Nru 8/2013 – timponi ttikkettjar li jindika l-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti miksuba permezz ta' xogħol li sar f'pajjiżi terzi u li għandhom it-terminu bit-Taljan "pelle" – għall-prodotti tal-ġilda miksuba permezz ta' xogħol f'pajjiżi terzi u mhux legalment ikkumerċjalizzati diġà fl-Unjoni Ewropea, peress li din il-liġi nazzjonali tissarraf f'miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva prekluża mill-Artikolu 34 TFUE u mhux iġġustifikata mill-Artikolu 36 TFUE?

3) L-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 94/11/KE ([1]), korrettament interpretati, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Liġi Nazzjonali Nru 8/2013 – li timponi ttikkettjar li jindika l-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti miksuba permezz ta' xogħol li sar f'pajjiżi terzi u li għandhom it-terminu bit-Taljan "pelle" – għall-prodotti tal-ġilda legalment ipproċessati u kkumerċjalizzati fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea?

4) L-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 94/11/KE, korrettament interpretati, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Liġi Nazzjonali Nru 8/2013 – li timponi ttikkettjar li jindika l-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti tal-ġilda miksuba permezz ta' xogħol li sar fi Stati mhux membri tal-Unjoni u li għadhom ma ġewx legalment ikkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea?

5) L-Artikolu 60 tar-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill (UE) Nru 952/2013 ([2]) tad-9 ta' Novembru 2013, korrettament interpretat, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Liġi Nazzjonali Nru°8/2013 – li timponi ttikkettjar li jindika l-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti miksuba permezz ta' xogħol li sar f'pajjiżi terzi u li għandhom it-terminu bit-Taljan "pelle" – għall-prodotti tal-ġilda miksuba permezz ta' xogħol li sar fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u li għadhom ma ġewx legalment ikkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea?

6) L-Artikolu 60 tar-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill (UE) Nru 952/2013, tad-9 ta' Novembru 2013, korrettament interpretat, jipprekludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Liġi Nazzjonali Nru°8/2013 – li timponi ttikkettjar li jindika l-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti miksuba permezz ta' xogħol li sar fuqhom f'pajjiżi terzi u li għandhom it-terminu bit-Taljan "pelle" – għall-prodotti tal-ġilda miksuba permezz ta' xogħol li sar fuqhom fi Stati mhux membri tal-Unjoni Ewropea li għadhom ma ġewx legalment ikkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea?

([1]) ĠU L 100, p. 37.
([2]) ĠU L 269, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-18 ta' April 2014 – Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V. vs Teekanne GmbH & Co. KG**

**(Kawża C-195/14)**

(2014/C 245/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

*Konvenuta:* Teekanne GmbH & Co. KG